

*Biex iż-żmien ma jnessix*

**Joseph Giorgio**

## Titwaqqa` Villino Ħal Kaprat - Dar antika ta' aktar minn 400 sena

F'Marzu 2014, fi Triq Braille f'Santa Venera, beda t-twaqqiegħ ta` Villino Ħal Kaprat, dar ta' aktar minn 400 sena. Din id-dar kienet taf sewwa lill Fundatur tal-Parroċċa Santa Venera Dun Xand Cortis. Dun Xand Cortis kien jiffrekwenta din id-dar tal-ħabib tiegħu u propjetarju tad-dar is-Sur Edward Delicata.

Tant kienet togħgbu din id-dar lil Dun Xand li kien jgħid lis-Sur Delicata li jrid jibni dar oħra għalih bħal dik. U hekk kien ġara. Għax Dun Xand kien bena dik id-dar li kellu f'ħmoħħu ftit metri l-isfel. Din id-dar li bena Dun Xand għadha hemm sal-lum. Minn barra għada kif kien bnija Dun Xand u fuq ġewwa żdidula a xi kmamar..

Dak iż-żmien kienet iġġib in-numru 126 Triq Santa Venera. Illum iġġib in-numru 12 A Triq Braille, Santa Venera. Id-dar ta' Dun Xand għandha l-istorja tagħha. Fl-1939 kien tħaffer xelter fiha, u wara l-gwerra serviet bħala skola primarja, u skola għal għomja.



Mat-twaqqiegħ ta' Villino Ħal Kaprat li kienet tfakkar l-isem antik li kellha Santa Venera, twaqqgħet ukoll dar oħra li kienet tmiss magħha, u dan naturalment biex isir żvilupp. U la semmejna l-fundatur tal-Parroċċa ta Santa Venera, kmieni s-sena d-dieħla, sewwa sew fis-17 ta Frar 2016 jagħlaq mitt sena mejjet. Għalhekk ikun xieraq li jsir xi mafkar, jew irħama suret in-nies biex tfakkar dan l-anniversarju, għax tajjeb li wieħed japprezza it-tajjeb li sar għalih, għal uliedu u ulied uliedu.

## Il-bini mill-ġdid ta' l-arkata ta Wignacourt

Inbeda x-xogħol fuq il-bini mill-ġdid tal-Arkata ta' Wignacourt. Dan hu repplika tal-arkata l-antika. Din l-arkata qegħda tinbena f'nofs roundabout li hemm fil-bidu ta Triq SanĠużepp Santa Venera. Oriġinarjament il-bieb kien inbena mill-Gran Mastru Alof De Wignacourt fl-1615, meta kien twassal l-ilma mill-inħawi tar-Rabat

għall Belt il-ġdida Valletta. Għalhekk din is-sena qed infakkru l-400 sena mill-bini ta' dan l-Akwedott. Il-proġett kien jinkludi wkoll il-mini tal-Akwedott li l-parti kbira minnhom jgħaddu minn ġo Santa Venera. Il-proġett kien dam għaddej ħames snin mill 1610 sa l-1615 L-inħawi tal-Fleur de lys ħadu isimhom min dan l-ark peres li fuqu kien hem l-embema ta' Fleur de lys li kienet l-emblema tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt. L-arkata kienet twaqqet fl-1943 aktar minn 70 sena ilu. Meta kien ġie deċiż li jerġa jinbena qamet polemika bejn il-Kunsill Lokal ta' Santa Venera u dak ta' Birkirkara dwar x'isem għandu jingħata. Fl-aħħar din id-differenza ġiet riżolata u inbeda l-proġett wara tant snin ta stennija. Il-proġett hu finanzjat mill-Bank of Valletta.

**Paljijiet tat-tlielaq tal-Imnarja**

Semmejt l-Arkata ta' Wignacourt u qed niftakar x'kien qalli wieħed ħabib tiegħi minn Ħal-Qormi. Dan qalli li fi tfulitu jiftakar li dak in-nhar tal-festa tal-Imnarja, minn Ħal Qormi kienu jitilgħu Santa Venera fejn illum hemm il-BOV biex jaraw lir-rebbieħa neżlin bil-paljijiet li kienu jkunu rebħu. Dan nista` nikkonfermah jien li kont noqgħod f'dawk l-inħawi. Niftakar ħafna Qriema kienu jinġabru fejn ir-roundabout, biex jaraw il-bhejjem neżlin mit-triq tar-Rabat bil-paljijiet. Dawn kienu jkunu rebbieħa tat-tlielaq tal-bhejjem, li jsiru fit-triq ta' ta' taħt is-Saqqajja, ir-Rabat. Għandi konferma oħra ta' wieħed anzjan minn Santa Venera li lllum m'għadux magħna u kien qalli li din kienet drawwa antika ħafna, li dak inhar ta' l-Imnarja, ħafna kienu jiġu ħdejn ir-roundabout biex jaraw speċjalment dawk Qriema.

**Il-Barrieri**

Malta hi magħrufa għall ġebla tagħha. Huwa sors naturali, anzi wieħed mill-ftit li għandha jekk m'hux l-uniku wieħed. Meta tara t-Tempji Preistoriċi, li jgħoddu eluf ta' snin, bħal dak ta' Ħaġar Qim, l-Imnajdra u l-Ġgantija malajr tinduna kemm il-ġebla Maltija għandha reżistenza kontra l-elementi tan-natura.

F'Santa Venera tal-antik, kien hawn barrieri li minnhom kien jinqata l-ġebel. Dan nafuh mill-fatt li meta Santa Venera bdiet tiżviluppa fis-snin sittin, bdew jinkixfu barrieri mirduma bit-terrapin. Dawn tnaddfu bl-għodda mekkanizata li hawn illum u malajr tela bini li wieħed qatt ma seta jimmaġina. Mill-barrieri kien jinqata ġebel għal kantuni, għax-xorok u għaċ-ċangaturi. Dan jekk il-barriera tkun tal-franka kif darba kien hawn ġo Santa Venera. Il-barrieri kienu jinżlu sa ċertu fond. Fl'aħħr tal-barriera, ġeneralment kienu jagħmlu rampa mnejn itellgħu l-ġebel biex jieħduh għall-bini.

Il-ġebel kienu jtellgħuh min fuq ir-rampa bil-karrettun u jekk il-barriera tkun aktar fonda, kienu jarmaw armar jgħidlu sienja. Dan kien issir permezz ta' ħmar jew bagħal li jkun bħal bhima tas-sienja. Kien xogħol iebes u l-ħaddiema kienu joqogħdu attenti biex ma jkissrux ġebel bla bżonn waqt it-traġitt bil-ġebel.